— *min-naħa l-oħra, li l-imsemmija klawżola hija fformulata b'mod ċar u li jinftiehem, jiġifieri li hija tkun tinftiehem fuq il-livell grammatikali, iżda wkoll li l-kuntratt juri b'mod trasparenti il-funzjonament konkret tal-mekkaniżmu li tagħmel riferiment għalih il-klawżola kkonċernata kif ukoll ir-relazzjoni bejn dan il-mekkaniżmu u dak previst mill-klawżoli l-oħra, b'tali mod li dan il-konsumatur ikun f'qagħda li jevalwa, abbażi ta' kriterji preċiżi u li jinftiehmu, il-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw għalih.*

([1]) ĠU C 142, 12.05.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-23 ta' April 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Varhoven administrativen sad – il-Bulgarija) – GST – Sarviz AG Germania vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Plovdiv pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite**

**(Kawża C-111/14)** ([1])

***(Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Prinċipju ta' newtralità fiskali — Persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT — Likwidazzjoni żbaljata tal-VAT mid-destinatarju — Issuġġettar tal-fornitur ta' servizzi għall-VAT — Rifjut li jingħata r-rimbors tal-VAT lill-fornitur ta' servizzi)***

(2015/C 205/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Varhoven administrativen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* GST – Sarviz AG Germania

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Plovdiv pri Tsentralno upravlenie na Natisonalnata agentsia za prihodite

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/88/UE, tas-7 ta' Diċembru 2010, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud hija biss il-persuna taxxabbli li tipprovdi provvista ta' servizzi meta din tkun ġiet ipprovduta minn stabbiliment fiss li jinsab fl-Istat Membru fejn din it-taxxa hija dovuta.*

2) *L-Artikolu 194 tad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2010/88, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lill-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru li jqis bħala persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud id-destinatarju ta' provvista ta' servizzi pprovduta minn stabbiliment fiss tal-fornitur, meta kemm dan tal-aħħar kif ukoll id-destinatarju ta' dawn is-servizzi huma stabbiliti fit-territorju tal-istess Stat Membru, anki jekk dan id-destinatarju diġà ħallas din it-taxxa billi bbaża ruħu fuq il-preżunzjoni żbaljata li l-fornitur ma kellux stabbiliment fiss f'dan l-Istat.*

3) *Il-prinċipju ta' newtralità tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti lill-amministrazzjoni fiskali li tirrifjuta lill-fornitur ta' servizzi r-rimbors ta' din it-taxxa li huwa ħallas, filwaqt li d-destinatarju ta' dawn is-servizzi, li wkoll ħallas l-imsemmija taxxa għall-istess servizzi, inċaħadlu d-dritt li jnaqqasha minħabba li huwa ma kellux id-dokument fiskali korrispondenti, peress li l-liġi nazzjonali ma tippermettix ir-regolarizzazzjoni tad-dokumenti fiskali meta jkun jeżisti avviż ta' aġġustament definittiv.*

([1]) ĠU C 142, 12.05.2014.